**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

**Illum, il-5 ta' Marzu 2025**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**KONTRA**

**UMIT KARTAL**
(detentur tal-passaport Tork U32952663)

## IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Umit Kartal**, ta' 46 sena, iben Gazi Kartal u Halise nee' Karakus, imwieled Imranli ġewwa t-Turkija nhar it-13 t'April 1978, residenti ġewwa 149, Triq San Xmun, San Pawl il-Baħar u detentur tal-passapor Tork bin-numru U32952663, permezz ta' liema ġie akkużat talli nhar l-24 ta' Frar tas-sena 2025, u/jew fil-ġranet u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data ġewwa iċ-Ċimiterju tat-Torok, li jinsab fi Triq Emmanuele Lougi Galizia ġewwa l-Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Volontarjament ta n-nar lil bini, vettura, gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316, izda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna hemm gewwa, u dan il-bini, vettura, gharix, jew lok iehor kien qieghed b'mod li ma setax iqabbad hruq f'bini iehor, gharix, jew lok iehor u dan ir-reat kien aggravat jew motivat fuq bazi ta' religjon jew twemmin u dan sar ghad-detriment tal-Gvern Tork u/jew Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 318 u 325A(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara kienet izjed minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) u din il-

hsara saret lill-propjeta’ pubblika u dan ir-reat kien aggravat jew motivat fuq bazi ta’ religjon jew twemmin u dan sar ghad-detriment tal-Gvern Tork u/jew Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) u 325A(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement jew b’negligenza, nuqqas ta’ hila jew ta’ osservanza ta’ regolamenti, ikkaguna dannu lil jew qered propjeta’ kulturali u dan sar ghad-detriment tal-Gvern Tork u/jew Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan sar u dan bi ksur tal-Artikolu 70(1)(a) tal-Kap. 445 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma hallix li ssir jew fixkel funzjoni, cerimonja jew servizz religjuz ta’ xi religjon tollerata mill-ligi illi jsiru bil-ghajnuna ta’ Ministru tar-Religjon jew f’lok ta’ qima jew f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku meta l-impediment ikkawza perikolu serju lill-ordni pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 165(1) tal-Kap. 9 Tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi dahal f’dan jew lok iehor jew f’recint b’wiehed mill-mezzi imsemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266 bil-hsieb li jaghmel hsara lil propjeta jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d) u dan bi ksur tal-Artikolu 330(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rema’, tefa’, halla jew xort’ ohra qattar jew iddepozita xi zibel f’xi post pubbliku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access minghajr ma kien awtorizzat b’ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 4 u 10(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.40;
7. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmi band’ohra f’dan il-Kodici u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat Umit Kartal bhala li hu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hati mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

F’kaz ta’ htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, il-Qorti giet mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d-dispozizzjoni tal-Artikolu 15A u 532A tal-Kodici Kriminali u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi;
F’kaz ta’ htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, il-Qorti hija mitluba sabiex thaddem kontra l-hati

d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi;
F'kaz ta' htija, bara milli tapplika l-piena skont il-ligi, l-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' tal-partijiet lezi.

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputat jiddikjara u sussegwentament jerġgħa jikkonferma li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dan wara li l-Qorti tatu l-opportunita' sabiex jerġa lura mill-istess ammissjoni, wara li solennement spjegatlu il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' jikkonsulta mal-avukat tiegħu.

Semgħet lic-Chief Officer għas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, Jonathan Borg, jiddikjar ali l-ammont ta' danni jlaħħaq is-somma ta' ħames t'elef Ewro (Eur. 5000), liema ammont ta' danni ma huwiex qed jiġi kkontesta mid-difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata fejn il-Qorti ġiet infurmata li hemm qbil bejn il-partijiet li l-piena idoneja hija dik ta' tlett snin priġunerija effettiva flimkien ma' multa ta' ħamest elef Ewro (Eur 5000).

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ġew kollha ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura gravi tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati, liema imputazzjonijiet jinkludu thedid u atti ta' vjolenza (senjatament ħruq) fuq żewġ bibien ta' ċimiterju li apparti mill-fatt li huwa post fejn jindiefnu persuni li ġew nieqsa, fil-każ odjern huwa l-unika ċimiterju Tork ġewwa Malta u għaldaqstant b'sinifikat kulturali qawwi. Hadet kont ukoll tal-fedina penali tal-imputat minn fejn jirriżulta li l-imputat għandu żewġ kundanni preċedenti. Fil-fatt l-imputat irreġistra ammissjoni għall-fatt li huwa reċediv. Hadet kont tal-kooperazzjoni tal-imputat mal-pulizija kif ukoll ta' l-ammissjoni tal-imputat fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri odjerni. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi

din il-Qorti ser tkun qed teroga piena ta' priġunerija effettiva iżda fil-minimu stabbilit fil-liġi.

B'referenza għat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddikjaraha alternattiva għall-ewwel imputazzjoni. Dan għaliex l-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali jistipula: *"Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta'qabel ta'dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar…"* (emfazi ta' din il-Qorti). Issa ġaladarba l-imputat irreġistra ammissjoni għall-ewwel imputazzjoni a tenur tal-artikolii 318 u 325A tal-Kodiċi Kriminali u allura b'ammissjoni stess tal-imputat jirriżulta li l-ħsara kienet ġiet ikkawżata bl-għoti tan-nar, ma tistax tinstab ħtija ukoll fit-tieni imputazzjoni li bħala element speċifikatament tirrikjedi li jirriżultaw mezzi oħra li ma humiex imsemmijjin fis-Sub-titolu IV tat-Titolu IX, Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali (inkluż l-għoti tan-nar imsemmi fl-artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali). B'hekk ġaladarba fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat jirriżultaw l-elementi tar-reat stipulat fl-artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex, kif fuq ingħad, tiddikjara it-tieni imputazzjoni alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess it-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-qua imputat.

Ħadet kont tal-fatt li, ai fini ta' piena, skond dak iddikjarat mill-uffiċjal prosekutur l-imputazzjonijiet bin-numru tlieta sa sitta għandhom jiġu kkunsidrati bħala kompriżi u nvoluti fl-ewwel imputazzjoni. B'hekk f'dan ir-rigward din il-Qorti ser tkun qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali. In oltre b'referenza għas-seba' imputazzjoni din il-Qorti ser tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, fl-ewwel lok qed tiddikjara t-tieni imputazzjoni bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u għaldaqstant qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha, u fit-tieni lok, wara li rat l-artikoli 318, 325A(1) u (2), 165(1), 330(a), 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali; l-artikolu 70(1)(a) tal-Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta; u r-regolament 4 u 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputat, **Umit Kartal**, ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu (senjatament tal-imputazzjonijiet bin-numru 1, 3, 4, 5, 6, 7 u 8) u konsegwentament qed tikkundannah għal piena ta' tlett snin priġunerija effettiva u għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' ħames t'elef Ewro (Eur. 5000).

B'referenza għat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-ħati jiġi kkundanat għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali, din il-Qorti, qed tiċħad din l-istess talba ġaladarba fil-proċeduri odjerni ma jirriżultax li ġew maħtura esperti.

B'referenza għat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għad-danni a tenur tal-artikoli 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tirreleva li ġaladarba a tenur tal-artikolu 70 tal-Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputat ġa ġie ikkundanat għal multa ta' Eur. 5000 li hija ekwivalenti għall-valur tax-xogħol meħtieġ biex jiġi rrimedjat l-effetti tar-reat, ma tarax il-ħtieġa li tipprovdi ulterjorament u dan sabiex jiġi evitat li l-ħati jiġi ppenalizzat darbtejn għad-danni kkaġunati.

Finalment din il-Qorti qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

__________________________________

**MAĠISTRAT Dr. Elaine Rizzo BA. LL.D.**

____________________________

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**